8 ta' Marzu, 1952.

Imħallef:

**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Massimiliano Grima

**Indiġenza — Reat tal-Kap tal-Familja li Jħalli l-Mara u l-Uliedu fil-Bżonn — Maħfra tal-Mara — Piena.**

*Jekk kap ta' familja jkun ġie kundannat talli ħalla l-martu u lill-uliedu fil-bżonn, u wara dik il-kundanna huwa juri ċerta resipixxenza u jmantni l-familja regolarment, b'daqshekk ma jiġix meħlus mill-ħtija li huwa jkun ġà ikkommetta. Dik ir-resipixxenza tista' tiġi meħuda in konsiderazzjoni għall-moderazzjoni tal-piena.*

*Dan huwa reat persegwibili "ex officio"; u l-maħfra tal-mara ma twaqqafx il-proċediment.*

Fuq l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra Massimiliano Grima talli fil-Hamrun, fl-aħħar xahrejn ta' qabel din it-taħrika, ħalla lill-martu u lill-uliedu minuri fil-bżonn minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-12 ta' Frar 1952, sabet lill-akkużat ħati skond l-akkuża; u wara li rat l-art. 352(x) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għaxart ijiem detenzjoni;

L-imputat appella;

Il-Qorti semgħet il-provi......;

Mill-provi rriżulta li l-imputat naqas li jgħati l-manteniment lill-martu, u dina ma kienetx l-ewwel darba, għax preċedentement kien ġie misjub ħati ta' l-istess akkuża u

kundannat. Iżda l-lum wera ċertà resipixxenza, billi ħallas lill-martu tal-manteniment kollu li kellu jagħtiha, u wiegħed li jibqa' jagħtiha l-manteniment regolarment. Dana mhux biżżejjed biex iħassar il-ħtija ta' dak li ġa għamel, iżda jista' jiġi meħud in konsiderazzjoni mill-Qorti, għax fid-diskrezzjoni tagħha tista' timmodera l-piena. Dana r-reat huwa persegwibili "ex officio", u għalhekk il-maħfra tal mara ma twaqqafx il-proċediment;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell rigward il-ħtija, iżda tilqgħu rigward il-piena, u għalhekk tikkonferma s-sentenza fuq id-dikjarazzjoni tal-ħtija u tirriformaha dwar il-piena, billi tirriduċi l-kundanna għal tlitt ijiem detenzjoni.